# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 69**

**Il-Ħamis 28 ta' Settembru 2023**

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar il-Ħamis 28 ta' Settembru 2023 fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 69.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

69.1.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li l-Kunsillier Joseph Cauchi informa lill-Kunsill li ser ikun indispost minħabba raġunijiet ta' xogħol. Il-membri tal-Kunsill aċċettaw l-apoloġija.

### 69.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

69.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 68 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

69.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

69.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 69.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

69.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri għarraf lill-membri li ġew fi tmiemhom attivitajiet li l-Kunsill organizza b'suċċess fix-xhur tas-Sajf fosthom il-programm *I Love Xlendi Summer Events*, il-fjakkolata tradizzjonali, attivitajiet ta' logħob għat-tfal fix-Xlendi, l-attivitajiet marbuta mal-European Mobility Week u l-attivita' tat-tberik tal-annimali. Huwa fakkar lill-membri li l-Ħadd 1 t'Ottubru 2023, b'kollaborazzjoni mal-parroċċa, wara l-quddiesa tal-4.00pm ser isir it-tberik tas-*satchels* tal-istudenti u ppropona sabiex il-Kunsill jgħin lill-familji billi jagħti xi *stationery* bħala tifkira tal-okkażjoni. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

69.3.2 Is-Sindku informa lill-membri li minħabba li ser terġa' tibda d-dutrina, ippropona sabiex il-Kunsill, bħal snin passati, jerġa' jkun qed jagħti s-sehem tiegħu ukoll billi jipprovdi s-servizzi tal-uffiċċjali tal-aġenzija

LESA għas-sigurta' tat-tfal li jattendu. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

69.3.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill għandu l-opportunita' sabiex jamministra l-għoti tal-vaċċin tal-influwenza lir-residenti mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali. Kien hemm qbil mill-membri biex il-Kunsill joffri dan is-servizz u jitqabbad professjonist għal dan il-għan.

69.3.4 Is-Sindku ressaq suġġeriment ta' xi residenti sabiex il-Kunsill jorganizza ħarġa soċjo-kulturali għall-avveniment 'Birgu Fest' nhar l-14 t'Ottubru 2023 kif ukoll inżuru r-Redentur tal-Isla liema żjara kienet diġà proposta f'laqgħa preċedenti. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

69.3.5 Is-Sindku għarraf lill-membri li wara kollaborazzjoni ma' diversi entitajiet u mal-avukat tal-Kunsill, il-Kunsill neħħa mit-toroq żewġ vetturi abbandunati skont il-proċeduri stabbiliti fil-Liġi Sussidjarja 368.02. Il-Kunsill innota dan.

69.3.6 Is-Sindku informa lill-membri li waqt il-laqgħa ta' kull xahar mal-Pulizija, fost l-affarijiet diskussi, ġew mgħoddija l-ilmenti ta' sewqan kontra l-linja fi Triq San Pawl u fi Triq 12 ta' Diċembru 1957 fil-Munxar.

## 69.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

69.4.1 Il-Kunsillier, Juliet Attard staqsiet dwar ix-xogħol ta' żebgħa tal-marki stradali fil-lokalita' kif ukoll dwar lampi li ġew mibdula minħabba ħsara iżda huma ta' vultaġġ aktar baxx milli kienu. Is-Sindku għarraf li x-xogħol taż-żebgħa tal-marki stradali għadu għaddej, filwaqt li dwar il-lampi ser tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur.

## 69.5 Proġetti fil-Lokalita';

69.5.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li dwar il-proġett ta' tisbieħ tad-daħla tal-Munxar fi Triq Santa Dminka, il-Kunsill irċieva *draft* tal-kuntratt ta' finanzjament mill-fondi tal-Awtorita' tal-Ippjanar li ser jiġi ffirmat fil-jiem li ġejjin. Dwar l-istess proġett, is-Sindku għarraf lill-membri li llum għalaq iż-żmien ta' sottomissjoni tas-sejħa tal-offerti għax-xogħlijiet ta' dan il-proġett. Kien hemm qbil mill-membri dwar il-ħatra tal-bord tal-evalwazzjoni li se jkun magħmul mill-Perit Mariella Xuereb, l-

Accountant Daniel Galea u s-Sur William Sultana bħala evalwaturi filwaqt li s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv bħala *chairman* u segretarju ta' dan il-bord.

69.5.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li ġew iffirmati l-kuntratti għax-xogħol ta' *railing* ġdid fi Triq San Xmun u għall-provvediment ta' dwal ġodda fl-istess triq kif ukoll fi Trejqet il-Madonna tal-Karmnu u parti minn Triq ir-Rabat fix-Xlendi. Huwa fakkar li dan il-proġett ser ikun iffinanzjat minn fondi fi ħdan id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u fondi fi ħdan il-Kunsill Reġjonali Għawdex.

69.5.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li ġiet sottomessa l-applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex ikun jista' jibda x-xogħol ta' rilokazzjoni tal-*Waste Depot* fi Pjazza Anfori fix-Xlendi.

## 69.6 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

69.6.1 Il-Kunsill irċieva stedina sabiex il-membri jattendu l-*Gozo Business Awards and Gozo Environment Awards 2023* nhar il-5 t'Ottubru 2023 wara li ġie nominat f'xi kategoriji. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm interess mis-Sindku, l-Viċi Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv li jattendu.

69.6.2 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar akkumulazzjoni ta' *vacation leave* biex jiġu trasferiti għas-sena 2024. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill sabiex 50 siegħa jiġu trasferiti għas-sena 2024. L-iSkrivana u l-Assistent Prinċipal tal-Kunsill ukoll ressqu t-talba tagħhom għat-trasferiment ta' 104 siegħat kull wieħed *vacation leave* kif ukoll 72 siegħa u 289.5 siegħat bħala *time-off in lieu* għas-sena 2024. Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar dan it-trasferiment.

69.6.3 PQ 9871 – Lista tal-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tal-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali fejn hemm defibrillator. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba.

69.6.4 Ċirkulari Nru AKL 2023/077 – It's How You Make Them Feel, Customer Care Course 03/10/23. Il-Kunsill innota l-kontenut.

69.6.5 Ċirkulari Nru AKL 2023/078 – Contract Management and Project Implementation Course 07/11/2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

69.6.6 Ċirkulari Nru AKL 2023/079 – ECAD Newsletter September '23. Il-Kunsill innota l-kontenut.

69.6.7 Ċirkulari Nru AKL 2023/080 – Notifika fuq ġbir tal-iskart fuq il-mezzi soċjali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

69.6.8 Ċirkulari Nru AKL 2023/081 – National Bicycle Ride - 24th September. Il-Kunsill innota l-kontenut.

69.6.9 Ċirkulari Nru AKL 2023/082 – Notifika fuq ġbir tal-iskart fuq il-mezzi soċjali 21/09/2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

69.6.10 Ċirkulari Nru AKL 2023/083 – It's How You Make Them Feel, Customer Care Course f'Għawdex 17/10/23. Il-Kunsill innota l-kontenut.

69.6.11 Ċirkulari Nru AKL 2023/084 – MAARES Closing Event: Invitation. Il-Kunsill innota l-kontenut.

69.6.12 Ċirkulari Nru AKL 2023/085 – Laqgħat Skemi ta' parkeġġi residenzjali fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex – Il-Formorla tal-applikazzjoni. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil mill-membri biex il-Kunsill japplika sabiex il-parkeġġi ta' Xatt ix-Xlendi ħdejn Trejqet il-Madonna tal-Karmnu u Triq Sant'Indrija jsiru parkeġġi residenzjali.

69.6.13 Ilment 43/2023
Residenta tilmenta dwar l-ammont ta' dawl li dieħel fil-proprjeta' tagħha minn lampa li twaħħlet riċentament fi Triq San Xmun fix-Xlendi kif ukoll sabiex din tiċċaqlaq għal mal-appoġġ minħabba li tintlaħaq faċilment mill-gallarija tagħha u tista' tkun ta' periklu. Kien hemm qbil mill-membri sabiex din il-lampa tiċċaqlaq ftit u tiġi nstallata cover biex turi 'l isfel biss.

69.6.14 Ilment 44/2023
Resident jilmenta dwar *cables* tad-dawl li qegħdin baxxi fil-gallarja tiegħu, jitlob sabiex jinbidlu żewġ *inspection covers* li nkissru fil-bankina fi Triq ir-Rabat fix-Xlendi, kif ukoll jilmenta dwar skart li qed jintefa' llegalment ġo post abbandunat fl-istess triq. Is-Sindku, dwar il-*cables* tad-dawl, wieġeb biex dan l-ilment għandu jgħaddi għand il-

korporazzjoni Enemalta. Rigward l-*inspection covers*, kien hemm qbil mill-membri sabiex dawn jinbidlu għal materjal tal-ħadid biex ikunu aktar resistenti. Dwar l-iskart li qed jiġi mormi llegalment, is-Sindku fakkar lill-membri li l-Kunsill diġa' kien għadda ilment mal-Awtorita' tal-Ippjanar minħabba li l-aperturi ta' dan il-post mhux suppost huma miftuħa.

69.6.15 Ilment 45/2023

Resident jilmenta dwar ilma li dieħel mill-appoġġ tal-binja fejn hemm il-latrina tal-*boatyard* fix-Xlendi u jitlob sabiex isir xogħol ta' tikħil u *membrane*. Kien hemm qbil mill-membri sabiex dan l-ilment jgħaddi lill-Ministeru Għal Għawdex minħabba li hu jamministra din il-binja.

## 69.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

69.7.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 69/2023-8 għall-perjodu bejn il-25 t'Awwissu 2023 u t-28 ta' Settembru 2023 li tammonta għal €47,533.81 ġiet approvata u ffirmata. Il-Viċi Sindku Carmela Parnis kienet il-proponent filwaqt li l-Kunsillier Mark Busuttil is-sekondant.

## 69.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

69.8.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.15 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tnejn 23 t'Ottubru 2023 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, it-Tnejn 23 t'Ottubru 2023.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Damien Spiteri<br>Sindku | Ryan Debrincat<br>Segretarju Eżekuttiv |